APPENDIX A

TAL-FTEHIM BEJN

L-AWTORITAJIET TAL-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

U L-GĦAQDA KAŻINI TAL-BANDA

DWAR IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET ESTERNI TAL-FESTI RELIĠJUŻI

(In-numri jirreferu għall-paragrafi fid-Dokument ta' Konsultazzjoni Nirrestawraw il-Festi Flimkien)

**Par. 3.2 c**

*Il-Festi Esterni huma r-responsabbilta` tal-Awtoritajiet tal-Knisja, li jorganizzaw dawn il-Festi Esterni flimkien ma' diversi organizazzjonijiet oħra fil-parroċċa.* (Ara wkoll in-normi tal-Laqgħat ta' Koordinament Festa Esterna)

**Par. 4.1**

*L-Awtoritajiet tal-Knisja biss huma responsabbli għall-organizazzjoni għat-tmexxija taċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-Festa bħala Liturġija u paraliturġija inkluża l-purċissjoni. Għaċ-ċelebrazzjonijiet esterni marbutin mal-Festi Reliġjużi, fid-dawl ta' paragrafu 3.2c, din ir-responsabbilta` tinqasam flimkien ma' diversi organizazzjonijiet oħra fil-parroċċa. Fit-twettiq ta' dan, hija meħtieġa l-kooperazzjoni ta' ħafna.*

**Par 4.4 c i** Dan l-artiklu jitħassar

**Par 4.4 c vii**

*Fil-parroċċi jew fil-knejjes l-oħra fejn sal-2008, l-istatwa kienet tinħareġ sal-bieb ta' barra jew fuq iz-zuntier, din tista' tibqa' ssir biss fil-kuntest ta' funzjoni paraliturġika kif imfisser aktar 'l fuq.*

**Par. 4.4 e**

*Fil-knejjes l-oħra, wara li l-Kappillan jisma' l-parir tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u tal-Kleru, jew fil-każ tar-Reliġjużi is-superjur responsabbli, jista' jdaħħal din il-funzjoni*

*skont il-mudell imsemmi f'paragrafu 4.4 c, wara li jkollu l-permess tal-Awtoritajiet tal-Knisja.*

**Par. 4.9 b**

*Il-ħin tal-ħruġ u tad-dħul tal-purċissjoni għandu jinżamm dak li kien sal-2008*.

**Par. 4.9 c**

*Minkejja artiklu 4.9b), id-dħul fil-knisja (bil-funzjoni ta' qabel id-dħul inkluża, fejn issir) m'għandux ikun wara l-11.00 p.m.*

**Par. 4.9 k**

*Ir-radd ta' ħajr 'l Alla għandu jsir għal kull min ta sehmu fil-Festa immedjatament wara li l-vara titqiegħed f'postha bil-barka sagramentali.*

**Par. 4.10**

*Id-dħul fin-niċċa, fejn sal-2008 ma kienx isir b'mod privat, għandu jsir fl-istess żmien li kien isir qabel u b'funzjoni paraliturġika jew b'quddiesa ta' radd il-ħajr għal dawk kollha li jkunu taw sehmhom fil-festa.*

**Par. 4.14 b**

*Kull korp jista' jagħżel okkażjoni oħra biss li tkun timmerita ċelebrazzjoni bħala "anniversarju speċjali". Fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni ta' dawn id-direttivi, il-Kappillan jew is-Superjur Reliġjuż kompetenti għandu jinforma lil-Kanċellerija tal-Kurja b'din il-għażla, wara li jmexxi l-konsultazzjoni meħtieġa.*

**Par. 4.14 c**

*L-anniversarji meqjusa "speċjali" huma dawk li jaħbtu f'għeluq l-ewwel sena u mbagħad ikomplu kull 25 sena*.

**Par. 5.2**

*Matul dawn it-tmint ijiem fil-limiti tal-parroċċa, ma jkunx jistgħu jsiru attivitajiet esterni oħra barra dawk organizzati mill-Awtoritajiet tal-Knisja.*

**Par 5.3.1**

*Programmi u marċi tal-baned jistgħu jsiru biss skont kif kienu jsiru fl-1995. Fil-parroċċi fejn tkun ċelebrata l-Festa Titulari u fejn mhemmx festi sekondarji u l-anqas m'hemm żewġ każini tal-banda, jekk ikun il-każ, wara li jisma' l-parir tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, il-Kappillan jista' jibda l-programm mill-Ħamis (jew tlett ijiem qabel il-Festa), wara li jkollu l-permess tal-Awtoritajiet tal-Knisja.*

**Par. 5.3.2**

*Dawk l-oġġetti u l-armar li huma magħrufa bħala sorpriżi jew briju u li ntużaw sal-festa ċċelebrata fl-2010, ma jistgħux jimxu mal-marċi, imma għandu jinstab post fejn jintramaw f'post fiss determinat f'waħda mil-Laqgħat ta' Koordinament. [N.B. Dan il-paragrafu għadu mhux finalizzat għaliex jista' jkun hemm proposta differenti mill-Għaqda Nazzjonali Armar tal-Festi fit-Toroq].*

**Par. 5.3.4 b**

*Jekk dawn iseħħu, ir-responsabbilta` hija:*

*i) tas-Soċjeta' li jkollha l-permess tal-Awtoritajiet Ċivili li jesegwixxu l-marċ u/jew il-programm;*

*ii) jekk ikun il-każ, ta' min ikun stieden din is-soċjeta' biex tieħu sehem (e.g. Kumitat tal-Festa jew Soċjeta' lokali);*

*iii) tal-Awtoritajiet tal-Pulizija.*

**Par. 5.3.4 e**

*Ksur ta' dan ir-regolament jista' jwassal għal sospensjoni tal-banda tas-Soċjeta` milli tipparteċipa f'attivitajiet tal-parroċċa. Minbarra dan, jistgħu jkunu kontemplati miżuri oħra wkoll skont il-gravita` tal-każ.*

**Par 5.3.5**

*Huwa pprojbit ukoll waqt il-marċ, persuni bla flokkijiet jew qomos. Huwa pprojbit ukoll ilbies u banners bi kliem indiċenti jew dispreġġattiv. Din ukoll hija r-responsabbilta` tas-Soċjeta` li jkollha l-permess tal-Awtoritajiet Ċivili li*

*jesegwixxu l-marċ, ta' min jistieden il-Banda li tkun qed tieħu sehem, kif ukoll tal-Awtoritajiet tal-Pulizija li tħares il-ligi u l-ordni pubbliku.*

5.3.7 *Il-marċ magħruf bħala "ta' filgħodu" jew tal-briju.*
*Dan il-marċ huwa marbut mal-post tal-ferħ fil-Festa. Iżda biż-żmien il-karattru tiegħu inbidel tant li sar okkażjoni ta' esaġerazzjonijiet kbar f'uħud mill-postijiet fejn isir. Dan huwa ta' preokkupazzjoni kbira għall-Knisja f'Malta kemm fuq l-aspett soċjali, bl-imġieba ta' dawk li jieħdu sehem, kif ukoll mill-aspett reliġjuż bir-rabta tiegħu mal-Festa tal-qaddis/a. Is-sitwazzjoni trid tinbidel. F'dawk il-festi fejn l-awtoritajiet tal-Knisja jikkonkludu li dawn il-marċi waslu fil-punt li ma jistgħux ikunu kontrollati jew riformati, ikunu pprojbiti li jsiru fil-perjodu tal-festa.*

5.3.8 *Il-marċi u l-programmi m'għandhomx isiru waqt il-ħinijiet ta' dawn il-funzjonijiet liturġiċi prinċipali: novena, tridu, translazzjoni u l-quddiesa prinċipali.*

5.3.9 *Il-marċ ta' filgħodu m'għandux ikun itwal minn erba' siegħat. Dan il-marċ u kull marċ ieħor għandu jispiċċa fil-ħin stipulat fil-permess tal-pulizija.*

5.3.10 *Fil-parroċċi fejn hemm aktar minn soċjeta` waħda tal-banda, jekk ma jkunx hemm ftehim bil-miktub bejn is-Soċjetajiet u approvat mill-Awtoritajiet tal-Knisja, bħala prinċipju, il-baned m'għandhomx jgħaddu minn quddiem is-sede ta' xulxin. Fejn dan huwa impossibbli fil-prattika, wara li jingħata l-permess tal-Awtoritajiet tal-Knisja għal din l-eċċezzjoni, il-banda, kemm tal-lokal kif ukoll dik mistiedna, għandha tibqa' għaddejja minn quddiem is-sede tal-każin l-ieħor bla waqfien bla bżonn.*

5.3.11 *Fil-parroċċi fejn sfortunatament għadha teżisti rivalita` bla sens ma' parroċċi ġirien, jekk ma jintlaħaqx ftehim bil-miktub bejn is-Soċjetajiet tal-Banda u l-Kummissjonijiet tal-Festa taż-żewġ parroċċi u approvat mill-Awtoritajiet tal-Knisja, bħala prinċipju, il-baned m'għandhomx jgħaddu minn dawn il-periferiji. Fejn dan huwa impossibbli fil-prattika, wara li jingħata l-permess tal-*

*Awtoritajiet tal-Knisja għal din l-eċċezzjoni, il-banda għandha tibqa' għaddejja mingħajr waqfien bla bżonn*.

8.2 Kull min imur kontra d-direttivi tal-Arċidjoċesi dwar ċelebrazzjoni aktar nisranija tal-festi reliġjużi, inkluż dawn ir-regolamenti, jistgħu jiffaċċjaw sanzjonijiet.

8.3 *L-Awtorita` tal-Knisja twaqqaf Bord biex jinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti. Dan il-Bord ikun magħmul minn seba' membri maħtura mill-Awtoritajiet tal-Knisja. Tliet membri, fosthom iċ-Chairman, ikunu nominati direttament mill-Awtoritajiet tal-Knisja, b'wieħed minnhom nominat mill-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri Reliġjużi; żewġ rappreżentanti tal-Għaqda Każini tal-Banda; rappreżentant tal-Għaqda Piroteknika u rappreżentant tal-Għaqda Nazzjonali għall-Armar tal-Festi fit-Toroq.*
*[Ma' dawn iż-żewġ Għaqdiet għad irid jintlaħaq ftehim].*

## LAQGĦAT TA' KOORDINAMENT FESTA ESTERNA

1.1 *Il-Festi Parrokkjali huma festi reliġjużi b'aspetti soċjali u kulturali. Bħala riżultat ta' dan, dawn huma r-responsabbilta` tal-Awtoritajiet tal-Knisja li jorganizzaw il-festi esterni ma' diversi organizazzjonijiet oħra fil-parroċċa (Ara Artiklu 3.2c tan-Normi).*

2.1 *Biex dan kollu jkun jista' jitwettaq b'koperazzjoni sħiħa u b'mod koordinat jeħtieġ li jsiru LAQGĦAT TA' KOORDINAMENT bejn dawk kollha involuti.*

2.2 *Dawn il-laqgħat jissejjħu mill-Kappillan u għalihom għandhom jattendu:*

*a) Is-Sindku u s-Segretarju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali;*

*b) l-Awtoritajiet tal-Pulizija;*

*c) Ic-Chairman tal-Kummissjoni Parrokkjali Festa Esterna, jew l-ekwivalenti ta' din il-Kummissjoni, jew persuna oħra magħżula mill-Kappillan u fejn jeżistu*

*d) Il-President u s-Segretarju*

*i) tal-każin/i tal-banda*

*ii) tal-grupp tal-armar*

iii) *tal-grupp tal-piroteknika*